# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-lum 20 ta' Gunju 2001**

Avviz numru 39/92

Maria Attard

-vs-

Anthony Muscat

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-attrici tat-22 ta' Settemabru 1992 fejn talbet li l-konvenut jirrifondilha s-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm117.20) jew kull somma ohra li tigi likwidata minn din il-Qorti mhallsa minnha indebitament ghal xoghol ta' tibjid fid-dar ta' abitazzjoni taghha u dan billi l-valur massimu tax-xoghol maghmul mill-konvenut hu ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm252.80) u mhux dak ta' tliet mija u sebghin lira Maltija (Lm370) effettivament imhallsa lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji mibghuta fit-tnejn u ghoxrin ta' Gunju ta' l-elf disa' mija u tnejn u disghin (22.VI.1992) u fis-sitta ta' Lulju tal-istess sena (6.VII.1992) u ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut f'Lulju tas-sena korrenti (VII.1992).

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Ghall-fini ta' kompetenza, jigi dikjarat illi l-mertu ta' din il-kawza ma jecceddix il-mija u hamsin lira Maltin (Lm150).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Muscat fejn eccepixxa illi

1. In-nullita ta' dana l-Avviz u dana peress illi ma hemm l-ebda talba fis-sens illi jigi dikjarat minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-attrici halset xi flus li legalment ma kienux dovuti li jithalsu;

2. Illi fi kwalunkwe kaz t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi ma huwiex minnu dak li qieghed jigi allegat fl-Avviz illi s-somma ta’ mija u sbatax-il lira u ghoxrin centezmu (Lm117.20) huma dovuti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat l-atti u d-dokumenti kollha kompriza x-xhieda u partikolarment ir-relazzjoni tal-perit tekniku nominat.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Dina l-vertenza tinvolvi xoghol maghmul mill-konvenut fil-fond ta’ l-attrici sit in-Nadur, numru 63, Triq it-Tigrija. L-ilmenti ta’ l-attrici huma l-hlas eccessiv ghax-xoghol esegwit u xi difett fix-xoghol tal-madum ta’ hajt li allegatament ma sarx skond is-sengha u l-arti. M’hemm ebda kontestazzjoni da parti ta’ l-attrici li x-xoghol ma giex esegwit kollu kemm hu. Fl-access li nzamm mill-perit tekniku nominat fit-8 ta’ Gunju 1993 l-attrici indikat fil-prezenza tal-perit u l-Avukat Grazio Mercieca ghall-konvenut ix-xoghlijiet kollha esegwiti. Dawn jinsabu deskritti fid-dok GV2 folio 19 tal-process.

Illi l-provi huma dawk li huma u apparti x-xhieda ta’ l-attrici u l-Perit Arkitett Victor Bigeni, gia miltub mill-attrici biex jara u jistma x-xoghol, ma xehed hadd izjed, b’daqstant li x-xoghol maghmul u esegwit mill-konvenut ghandu jigi kkunsidrat li huwa dak deskritt fid-dok GV2 fuq riferit, oltre li ghal dan ix-xoghol hu thallas l-ammont ta’ tliet mija u sebghin lira Maltin (Lm370). Apparti dan minn imkien fl-atti ma jirrizulta li l-konvenut kien iprpezenta xi stima li giet accettata mill-attrici.

Mir-relazzjoni ta’ l-abbli perit tekniku nominat il-konkluzjoni hi l-ammont effettivament dovut lill-konvenut ghax-xoghol kollu esegwit kellu jkun ta’ tliet mija u hdax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm311.10) li jfisser li l-konvenut thallas zejjed l-ammont ta’ tmienja u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm58.90).

Ghal dak li hi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi ma tidhirx li hi legalment sostenibbli u qeghdha konsegwentement tigi michudha.

Mill-bqija u ghall-motivi premessi qeghdha tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ tmienja u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm58.90) u konsegwentement qeghdha tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma fuq indikata ta’ tmienja u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm58.90) bl-imghax legali mid-data ta’ l-avviz.

L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut.

(ft.) A. M. Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur